**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Josette Demicoli**

**Seduta ta' l-Erbgħa 5 ta' Marzu 2025**

**Att ta' Akkuża Nru. 15/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Brian Godfrey Bartolo**

**Il-Qorti:**

**1**. Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-31 ta' Awwissu 2015, kontra Brian Godfrey Bartolo li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah talli:

> **Fl-Ewwel Kap** - Reċediv f'delitt, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika d-droga f'Malta (raża meħuda mill-cannabis) bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

**Fit-Tieni Kap** - Reċidiv f'delitt, irrenda ruħu ħati talli nhar il-25 ta' Jannar 2011 u matul il-jiem, ġimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer huwa pproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kien awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga imsemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess t'awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifatura d-droga imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

**Fit-Tielet Kap** - Recidiv f'delitt, irrenda ruħu ħati talli nhar il-25 ta' Jannar 2011 u matul il-jiem, ġimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer kien fil-pussess xjenti tad-droga raża meħuda mill-pjanta Cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu.

**2**. Rat is-sentenza mogħtija mil-Qorti Kriminali fl-01 ta' Frar 2021, li bis-saħħa tagħha wara li l-akkużat Brian Godfrey Bartolo irreġistra ammissjoni, l-Qorti sabitu reċidiv u ħati għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu fl-Att ta'l-Akkuża, u wara li rat l-artikoli 2, 8, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 29 ta'l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, ir-regoli 2, 4(a), 9, 10, 15 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (NG 292 tal-1939) u fl-artikoli 17, 18, 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali, kkundannatu għal-terminu ta' priġunerija għall-ħames (5) snin oltre għal-ħlas ta' multa ta' tnax-il elf ewro (€12,000). Ordnat ukoll lill-ħati li jħallas l-ispejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti fl-ammont ta' €960.80 [konsistenti f'relazzjoni ta' PS 171 Karl Glanville €105.87, relazzjoni ta' PC 1525 P Farrugia €138.59, relazzjoni ta' Martin Bajada €138.33 u relazzjoni ta' Joseph Mallia €578.01)], u dan fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-

oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tiegħu.

**3**. Rat ir-rikors tal-appell ta' Brian Godfrey Bartolo, ppreżentat fis-16 ta' Frar 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

> i. tgħaddi sabiex tgħaqqad l-Att ta' Akkuża odjern ma'l-Att ta' Akkuża numru 14/2015; u
>
> ii. tikkonferma l-ħtija tal-imputazzjonijiet kollha; u
>
> iii. li tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u ġusta skond il-liġi; u
>
> iv. liema varjazzjoni tal-piena qiegħda tintalab anke fl-eventwalita' li l-Att ta' Akkuża odjern ma jingħaqadx ma'l-Att ta' Akkuża numru 14/2015.

4. Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Ġenerali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn oġġezzjona għat-talbiet imressqa mill-appellant fir-rikors tiegħu u għalhekk talab sabiex dawn jiġu miċħuda.

**5.** Rat s-sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti fit-22 ta' Settembru 2021 fejn l-ewwel aggravju imqajjem mill-appellant u konsegwentement l-ewwel talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell kienu miċħuda.

**6.** Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn it-talba magħmula mill-appellant Brian Godfrey Bartolo sabiex issir referenza kostituzzjonali kienet milqugħa.

**7.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Mejju 2024 fejn kien deċiż illi l-appellant ma sofra ebda leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu meta l-Avukat Ġenerali għażel li ma jgħaqqadx l-Att ta'l-Akkuża numru 14 tal-2015 ma' dik bin-numru 15 tal-2015.

**8.** Rat il-*pre-sentencing report* aġġornat imħejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Charlet Fabri.

**9.** Semgħat ix-xiehda ta'l-imsemmija Uffiċjal tal-*Probation* Charlet Fabri, ta'l-Inġinier Dr. Brian Azzopardi u ta' CO24 Justin Ellul in rappreżentanza tal-Aġenzija Korrettiva ta' Kordin.

**10**. Rat l-atti tal-kawża.

**11**. Rat id-dokumenti eżebiti.

**12**. Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**13**. Illi sorvolat l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant, liema lment kien determinat ukoll fil-*forum* kostituzzjonali, jifdal biex ikunu mistħarrġa l-aggravji rimanenti marbuta mal-*quantum* tal-piena erogata mill-Qorti Kriminali wara ammissjoni nkondizzjonata reġistrata mill-appellant għal-Kapi kollha ta'l-Att ta'l-Akkuża.

**14.** Illi l-appellant kien misjub ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni għal-fini ta' traffikar tad-droga konsistenti fir-raża tal-cannabis, u traffikar tal-istess droga, fl-ammont ta' 981 gramma b'purita' ta' ċirka 8.8%, kif ukoll pussess tal-istess taħt ċirkostanzi li jindikaw li dan il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Għalkemm l-appellant jikkonċentra fil-maġġior parti tar-rikors ta'l-appell tiegħu, fuq l-ilment illi l-Att ta'l-Akkuża odjern ma kienx mill-Avukat Ġenerali mgħaqqda ma' dak li hemm pendenti kontra tiegħu bin-numru 14/2015, it-tnejn deċiżi fl-istess jum, madanakollu iqis illi l-piena erogata mill-Qorti Kriminali kellha tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi huwa kien mixli b'reati marbuta ma' traffikar u pussess ta' droga f'żewġ każi separati sabiex weħel il-piena għal kull każ separat minflok piena kumulattiva, bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, li kieku l-każijiet ingħaqdu flimkien. Isostni ukoll illi fil-konfront tiegħu japplika l-prinċipju tal-proporzjonalita' fejn il-*quantum* tal-piena irid jkun stabbilit fir-rigward taċ-ċirkostanzi kemm personali kif ukoll fis-soċjetà fiż-żmien meta tkun ser tiġi skontata dik il-piena, w ukoll illi din trid tkun waħda uniformi ma' dik applikabbli fl-istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropeja. Jilmenta illi l-Qorti Kriminali ma ħaditx kont tat-trapass taż-żmien minn meta seħħ ir-reat, fattur

li fil-fehma tiegħu kien determinanti, u li għandu jwassal lil din il-Qorti takkordalu skont fil-piena nflitta fuqu.

**15**. Illi l-Qorti Kriminali meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena qalet hekk:

> **"3. Il-Qorti semghet lix-xhieda mressqa mill-akkuzat kif ukoll lill-uffiċjal tal-probation li hejjiet il-pre sentencing report dwar l-akkuzat u rat l-istess rapport. Rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-akkuzat biex jixhdu dwar il-progress li rregistra f'hajtu sabiex jirriforma ruhu inkluz il-kwalifiki akkademici li ottjena fil-mori;**
>
> **4. Ikkunsidrat illi fil-kaz odjern, l-akkuzat kien mixli u ammetta ghal-akkuzi ta' assocjazzjoni ghal-fini ta' traffikar tad-droga konsistenti fir-raza tal-cannabis u traffikar tal-istess droga fl-ammont ta' 981 gramma b'purita' ta' cirka 8.8 percentwali, traffikar u pussess tal-istess droga. Wara li hadet dan kollu in konsiderazzjoni, inkluz l-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri quddiem din il-Qorti wara l-qari tal-Att tal-Akkuza , il-fedina penali raffretarja tieghu u tal-progress li ghamel f'hajtu sabiex jirriforma ruhu u qieset ukoll illi ghandu jibbenefika minn tnaqqis ta' zewg gradi fil-piena fit-termini tal-artikolu 29 tal-kap 101, kif ukoll li huwa recediv dwar liema addebitu din il-Qorti tghazel illi ma zzid ebda grad fil-piena fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;"**

**16.** Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet huwa evidenti illi meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena l-Qorti Kriminali qieset:

a. L-ammont ta' droga involuta.
b. L-ammissjoni magħmula mill-appellant
c. Il-fedina penali refrattarja tal-appellant
d. Il-progress li l-appellant irreġistra f'ħajtu.
e. It-tnaqqis b'żewġ gradi fil-piena fid-dawl ta'l-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.
f. Ebda żieda fil-piena minħabba l-addebitu tar-reċidiva.

**17**. Illi l-ogħla piena applikabbli għar-reat ta' assoċjazzjoni ai fini ta' traffikar ta' droga, kif ukoll għal dak ta' traffikar u pussess aggravat ta' droga, hija dik tal-priġunerija għall-għomor, iżda applikat il-*proviso* (aa) għall-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tista' tikkundanna l-ħati għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin

sena u multa ta' mhux inqas minn €2,329.37 iżda mhux iżjed minn €116,468.67. Issa fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet li kienet qed tapplika l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u tnaqqas il-piena b'żewġ gradi. Dan ifisser illi l-parametri tal-piena niżlu għal perijodu ta' priġunerija minn sentejn sa tnax-il sena, u dik pekunjarja tnaqqset bin-nofs u għalhekk għal multa ta' mhux anqas minn €1164.68, iżda mhux iżjed minn €58,234.33. Illi għalkemm misjub ħati ta'l-addebitu tar-reċidiva, l-Qorti Kriminali, fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-liġi għażlet li ma tawmentax il-piena ulterjorment.

**18.** Illi fil-kawża ***ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zerafa et***[1], din il-Qorti, kif diversament komposta, f'każ konsimili, ħadet in konsiderazzjoni ukoll dak imfassal fis-*Sentencing Guidelines* tal-Ingilterra meta stqarret:

> **Peress illi l-ammissjoni saret proprju qabel ma gie ffurmat il-ġuri, u allura "at the door of the court", anke kieku kellhom jigu applikati s-Sentencing Guidelines ta' l-Ingilterra (li ma huma xejn ħlief hekk, cioe` guidelines għall-Qrati Ingliżi), it-tnaqqis massimu rakkomandat huwa ta' "one-tenth".**

Illum il-liġi regolatorja fir-rigward ta' sentenzjar fl-Ingilterra hija regolata bis-*Sentencing Act* tal-2020 fejn f'każ ta' ammissjoni, ir-riduzjoni applikabbli hija dik ta' massimu ta' 20% tal-piena[2]. Illi anke jekk fil-qafas leġislattiv tad-dritt penali tagħna ma jeżistu ebda linji gwida, jew inkella regolamentazzjoni, dwar sentenzjar, madanakollu għadd kienu id-drabi li l-qrati tagħna ħadu kont ta'l-ammissjoni reġistrata mill-persuna akkużata bħala attenwanti għal piena. Dan apparti, f'dan il-każ, konsiderazzjonijiet oħra li l-Ewwel Qorti qieset inkluż r-riforma tal-ħati, u l-assistenza li l-appellant offra lill-investigaturi biex b'hekk ibbenifika mill-attenwanti fil-piena imfassla fl-artikolu 29, kif ingħad.

**19.** Illi l-argument li jqanqal l-appellant fl-aggravju minnu ntentat illi l-piena trid tkun waħda proporzjonata fejn irid jittieħed kont taż-żmien meta tkun erogata, kif ukoll trid tkun in linja ma' dik applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja ma

---

[1] Deċiża 15/12/2015 – 31/2007

[2] Ara artikolu 73 tas-Sentencing Act 2020.

hijiex waħda li hija rifless fil-liġi, la dik nazzjonali u lanqas dik Ewropeja. Illi il-prinċipju tal-proporzjonalita' tapplika biss fir-rigward tal-gravita' tar-reat kommess. Il-kunċett ta' proporzjonalità jimxi id f'id mal-prinċipji tal-ġustizzja sabiex jintlaħaq il-bilanċ korrett bejn ir-restrizzjoni għal-libertà li jġib miegħu l-att korrettiv u s-severità tal-att vjolattiv tal-liġi kommess, u għalhekk ifisser illi l-piena imposta fuq il-ġudikabbli għandha timxi id f'id mal-gravita' tar-reat. Ma testendiex, allura, għaż-żmien temporali meta tkun inflitta, kif donnu qed jissuġġerixxi l-appellant, kif lanqas hija determinata minn dik il-piena li hija applikabbli f'xi Stat ieħor. Għalkemm kemm id-dritt Ewropew kif ukoll dak li jħares il-jeddijiet fondamentali tal-bniedem, kemm nazzjonali kif ukoll Ewropew[3], u internazzjonali, ifittxu biex japplikaw dan il-prinċipju, madanakollu dan ma jirreferiex għal xi armonizzazzjoni fil-pieni erogabbli. Illi l-artikoli 82 *et seq*. tat-TFEU li jitkellmu fuq din l-armonizzazzjoni, jittrattaw l-oqsma sewgenti u ċioe' a) l-ammissibbiltà reċiproka tal-provi bejn l-Istati Membri; b) id-drittijiet ta' l-individwi fil-proċedura kriminali; c) id-drittijiet ta' vittmi tal-kriminalità; d) aspetti speċifiċi oħra tal-proċedura kriminali li l-Kunsill ikun identifika minn qabel b'deċiżjoni. Bl-artikolu 83 jistabbilixxi illi:

> **1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' direttivi skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità partikolarment gravi <u>ta' dimensjoni transkonfinali</u> li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażijiet komuni.**

**20**. Ebda sanzjoni komuni ma hija stabbilita għal każ in diżamina, bit-Trattat jitkellem dwar regoli minimi dwar sanzjonijiet applikabbli għal reati transkonfinali u mhux għal dawk kommessi fl-iStat Membru u li allura jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat fejn japplikaw ir-regoli proċedurali nazzjonali. Kwindi l-appellant m'għandux raġun fl-argument imqanqal minnu u li fuqu qed jibbaża xi jedd għal xi skont ulterjuri fil-piena erogata.

[3] Ara artiklu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet tal-UE.

**21**. Illi huwa indubitat illi l-piena erogata mill-Qorti Kriminali kienet waħda fil-parametri tal-liġi, u hija viċin il-minimu, bl-appellant iżda jinsisti illi ħaqqu skont ulterjuri. Illi quddiem din il-Qorti l-appellant ressaq xhieda li indikaw il-progress kbir li huwa għamel f'ħajtu. Illum l-appellant huwa bniedem iggradwat b'baċċellerat fl-inġinerija u qed ikompli l-istudji tiegħu permezz ta' *Masters* fix-Xjenza u dan meta għaraf juża' ż-żmien li dam inkarċerat sabiex itejjeb l-edukazzjoni tiegħu. Imbagħad b'żieda ma' dan, jidher illi, fil-preżent, l-appellant qiegħed jagħti anke kontribuzzjonijiet ferm siewja fil-qasam tar-riċerka tal-inġinerija fit-teknoloġija alternattiva, fl-enerġija u studji fotovoltajċi fejn ingħata rikonoxximent u tifħir minn sħabu f'dan il-qasam ta' riċerka u studju tant illi anke ipparteċipa f'konferenzi barra minn xtutna dwar l-enerġija solari u fotovoltajika.

**22.** Illi l-Ufficjal tal-*Probation* Odelsie Vella Bayliss li ħejjiet rapport ta' qabel is-sentenza tgħid hekk fir-rigward tal-appellant:

> **"…. l- informazzjoni tindika, li l- appellant ghamel progress b'hajtu, emm, fil- passat emm, din m' hijiex l- ewwel darba li telgha l- Qorti, fil- fatt il-fedina penali tieghu tindika li huwa instab hati ta' diversi kazijiet fil- passat, bil-maggorparti taghhom kollha marbutin ma sewqan u droga, emm, fil- fatt l- informazzjoni tindika li huwa fil- passat kellu problema estensiva ta' droga emm, liema vizzju beda jwasslu biex ixellef difrejgh mal- ligi. Emm, huwa stess jifhem, f' liema hajja kien qed jghix u jammetti wkoll li kien ibiegh id- droga, biex imantni, biex isostni l- vizzju tieghu. Emm, apparti dan, gie notifikat ukoll li huwa ghandu kundizzjoni psikjatrika maghrufa bhala dysmorphobia, emm din il- kundizzjoni saret maghrufa waqt li huwa kien qed jiskonta piena ta' habs, giet dijagnostikata mill- psikjatra Dr Joseph Spiteri u hemm iktar informazzjoni fid- dettall fuq din il- kwistjoni fir-rapport, imma fil- qosor, l- uzu tad- droga u din il- kundizzjoni kienu jmorru id f' id, ghax huwa kien juza l- kokaina, biex jikkura, to self-medicate lilu nnifsu. Emm ma jirrizultax li fejn tidhol ghajnuna ghad- droga, qatt inghata c- cans li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni imma kiseb ghajnuna minghand il- Caritas. Illum il- gurnata ma jirrizultax li ghadu jabbuza mid-droga, u t- testijiet ta' l- urina li ssottometta ruhu ghalihom gewwa l- habs, kollha irrizultaw fin- negattiv ghal sustanzi illeciti. Apparti dan huwa ghazel li anki waqt li qed jiskonta din il- piena ta' habs ikompli javvanza, emm u jkabbar il- prospetti tieghu ghal meta jigi rilaxxat mill- habs, u fil- fatt bhalissa qed isegwi kors ta' Masters gewwa l- Universita' ta' Malta. Jien anki ghamilt kuntatt ma l- engineer Brian Azzopardi li jindika wkoll pozittivita' fl- andament akkademiku tieghu. Emm, ga la darba jigi rilaxxat mill- habs, l- appellant ghandu l- hsieb li jkompli jahdem fuq bazi self employed fil-kumpanija tieghu, u anki gie offrut impjieg mill- inginier Dr Brian**

**Azzopardi. Emm, hemm il- pjan li meta johrog imur jirrisjedi lura f' dar ommu u missieru. Hemm hekk qed joqghod wkoll il- mara tieghu u t- tfal tieghu. Emm hu ghandu sapport mill- familja, ghandu sapport minghandi l-genituri u anki mill- mara tieghu. Jiena, kelli c- cans li nintervista lill- mara tieghu ukoll. Daqs kemm ghandu bzonn is- sapport hu, ghandha bzonn is-sapport hi ukoll. Il- mara tieghu spiccat kollox wahedha, il- piz waqa kollu fuq spallejha, qed tiehu hsieb il- mummy u d- daddy tieghu, qed tiehu hsieb it- tfal, ix- xoghol tad- dar, ix- xoghol full time, igifieri hemm bzonn daqxejn il- prezenza ta' Brian emm, anki fil- familja tieghu. Emm biex nikkonkludi fejn jidhol pjan ta' kura, wiehed jifhem il- htiega li jkompli jahdem, li jkompli jircievi l- kura, ghall- kundizzjoni psikjatrika li ghandu u li jibqa' jiehu l- medicina preskritta lilu, madanakollu jinhass ukoll il- bzonn li jibqa' jmantni l- kuntatt ma xi agenzija lokali li jiehdu hsieb il- vizzju tad-droga, emm biex hu jkompli jinghata s- sapport u l- gwida necessarja. Emm, fejn tidhol rikomandazzjoni, ovvjament, minhabba li dan huwa pre-sentencing report, emm jiena naghmel rikomandazzjoni. Meta wiehed jara n-natura ta' l-akkuzi, piena ta' prigunerija hija inevitabbli. Madankollu, wiehed irid iqies l- progress li ghamel, anki minn gewwa l- habs, u ghadu jahdem sabiex itejjeb il- hajja tieghu, ghaldaqstant qed jintalab umilment li jinghata piena karcerarja, fil- minimu taghha, bil-ghan li wara li jaghmel din is-sentenza ta' habs, ikun jista' jkompli bil- hajja tieghu fil- komunita."**

**23**. L-Inġinier Brian Azzopardi, President tal-Fondazzjoni ta' l-Innovazzjoni u r-Riċerka f' Malta, li miegħu jaħdem l-appellant, igħid hekk dwaru:

**.... lil Brian Bartolo nafu minn zmien l- MCAST, mit-2016, ghax kont basically is-Supervisor tieghu fil- livell akkademiku, kemm fil- progett tat-tieni sena, u anka ta' l-ahhar tas-sena, emm ovvjament rajt, immeddjatament rajt il-potenzjal, fi Brian Bartolo, mill-progetti li beda jaghmel u anka mill-interazzjoni tieghu ma shabu. Emm, kien jghin lil shabu, li huma ovvjament ta' eta' aktar izghar. Sewwa? Emm u peress li tkun matur, nahseb li kulhadd jifhmni, actually l- affarijiet tassorbihom iktar easy, emm easy to some extent, sewwa? Emm u hadt gost narah, actually jinteractja ma shabu izghar, anki minn dak iz-zmien igifieri u jispjegalhom certi aspetti igifieri forsi li dak iz- zmien kienu qed jifhmu. Dan ovvjament, kompla anka wara. Kif tafu intom igifieri, ghamel zmien anka wara mhux fil-habs sewwa, wara li nqatghet l- ewwel sentenza, emm u bqajna in contact, u bqajna bil-kuntatt. Emm, ovvjament kont qed inheggu anki jistudja iktar. Fi zmien il-Masters emm, kien zmien actually, fi zmien il- Bacherlors sorry, u anki meta hareg l-ewwel darba mill- habs, sewwa, emm kien iz-zmien tal-covid ukol, u it was unfortunate, ghax ma kellniex, ma stajniex naghmlu l- potenzjal kollu ovvjament fiz- zmien tal- covid, emm imma basically irnexxielu ....**

Ikompli jispjega l-imsemmi Inġinier Azzopardi:

**"Nemmen bis-sħiħ li l-karattru, id-determinazzjoni u l-kontribuzzjonijiet tas-Sur Bartolo jagħmluh assi għas-soċjetà. M'għandi l-ebda dubbju li se**

**jkompli jagħti kontributi pożittivi lir-razza umana permess tal-ħidma tiegħu fir-riċerka tal-inġinerija[4].”**

**24.** Illi l-Qrati tagħna meta jiġu sabiex, fid-diskrezzjoni fdata lilhom bil-liġi, iqisu in-natura u l-*quantum* tal-piena li għandha tkun erogabbli fil-konfront tal-ġudikabbli jaraw li jilħqu il-bilanċ dejjem imfittex fis-sistema ġudizzjarja bejn ir-retribuzzjoni li l-ħati għandu jagħmel lis-soċjetà għall-egħmil kriminali minnu mwettaq, u ir-riforma tiegħu. Illi dan huwa każ *par excellence* fejn b' din ir-riforma ser jibbenifika mhux biss l-appellant, iżda ukoll is-soċjetà in ġenerali għaliex jidher li l-kontribuzzjonijiet li huwa qiegħed jagħmel fil-qasam ta' studju li daħal għalih, u li fih jidher li eċċella, qed iservu ta' benefiċċju għal kulħadd u mhux biss għalih personali tant illi llum wasal biex tbiegħed kompletament mill-ħajja krimoġenika.

**25**. Illi mix-xiehda ta' CO24 Justin Ellul mogħtija quddiem din il-Qorti jidher illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Qorti Kriminali f'dan il-każ, din kienet skontata fit-02 ta' Ġunju 2024. Madanakollu fir-rigward tal-Att ta'l-Akkuża bin-numru 14/2015, li miexi kontestwalment ma' dan il-każ, fejn il-piena erogata kienet ukoll ta' ħames snin priġunerija, din ser tkun skontata fit-02 ta' Ottubru 2026, u għalhekk llum baqalu madwar tmintax-il xahar oħra priġunerija. Igħid hekk ix-xhud:

**“Kellu l- ewwel wahda skontaha .... skontaha din is-sena, fit-tieni jum ta' Gunju ..... Mela l-ewwel wahda li kien kaz ta' conspiracy with other persons and drug trafficking, u t-tieni wahda li qed jiskonta bhalissa, li jiskonta f' Ottubru ta' sentejn ohra, kien kaz ta' pussess u traffikar.”**

**26**. Illi jikkonsegwi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-fatturi kollha, illi il-Qorti għandha tagħti dik il-piena maħsuba mill-leġislatur fil-minimu tagħha, ta' erba' snin priġunerija għal kull waħda mis-sentenzi li ngħataw fil-konfront ta'l-appellant, u dan meta jittieħed in konsiderazzjoni l-iskont li l-appellant kien intitolat għalih fid-dawl tal-fatturi kollha li l-Qorti Kriminali elenkat fis-sentenza tagħha, abbinat mal-fatt illi din il-Qorti għandha s-setgħa tilqa' għall-effetti kuntrarji maħluqa bin-nuqqas ta' applikazzjoni ta'l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, li l-appellant lmenta dwaru fl-

[4] Ara Dokument BA1

ewwel aggravju u dan meta l-Avukat Ġenerali għoġbu jixlieħ simultanjament f'żewġ Atti ta'l-Akkuża separati minflok għaqqadhom f'waħda, kif *del resto* kien fid-diskrezzjoni tiegħu li jagħmel. Illi l-Qorti tqis illi l-appellant huwa intitolat għal dan l-iskont ulterjuri fid-dawl tal-progress sostanzjali li huwa għamel f'ħajtu u għall-kontribut li qed jagħti, u jista' jkompli jagħti, lis-soċjetà bil-kwalifikazzjonijiet professjonali li huwa kiseb fil-qasam tal-inġinerija. Dan abbinat mat-trapass taż-żmien konsiderevoli minn meta kienu kommessi ir-reati lilu addebitati li jirrisalu għas-sena 2011, kważi ħmistax-il sena ilu, liema fattur ma jidhirx li kien ikkunsidrat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha.

**27**. Illi f'dan il-każ tassew li t-trapass taż-żmien mill-kummissjoni tar-reati serva ta' benfiċċju għall-appellant fejn huwa għaraf jużufruwixxi mill-opportunitajiet mogħtija lilu u llum qed jagħti lura lis-soċjetà dak li huwa ħadilha bil-ħsara li kienet ikkaġjonata permezz tal-azzjonijiet tiegħu fejn kien involut fl-ispaċċ u tixrid tad-droga. Illi kif kien deċiż:

> **It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.**[5]

**28.** U allura, għalkemm il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti, dan tagħmlu fost raġunijiet oħra "***meta l-Qorti tkun moralment konvinta li hekk ikun meħtieġ sabiex ma tintilifx xi opportunita' għall-ħati li biha jkun jista' jerga' jirritorna fit-triq it-tajba, jew jirriforma ruħu, jew jfieq u joħroġ minn xi abbuż, bħal ma huwa dak tad-droga***.[6]" B'dan madanakollu ma jridx jintesa il-ħsara li kienet ikkaġjonata mill-appellant meta huwa iddeċieda jibda jittraffika d-droga, oltre għal fatt illi għalkemm kif ingħad sar progress sostanzjali f'ħajtu, madanakollu xorta waħda huwa ser jibqa' bżonn l-għajnuna u s-sapport biex ikompli jgħix ħajtu imbiegħda mill-ħajja tat-tossikodipendenza u sabiex jirċievi l-kura

[5] App. Inf. IL-PULIZIJA vs FARRUGIA NIKOLA, BUGEJA JOHN U BONELLO LORETO – 02/10./2002

[6] App. Inf. - IL-PULIZIJA vs ATTARD JOSEPH – 26/01/2001

għal kundizzjoni ta' saħħa mentali li jbati minnha, u li jista' iwasslu ukoll għal mumenti ta' djugħfija. Tawgura illi l-appellant ikompli jimxi 'il quddiem kemm fil-ħajja personali tiegħu kif ukoll dik professjonali fejn jidher illi huwa għamel suċċess.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-akkużat Brian Godfrey Bartolo, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tvarja l-piena inflitta, u minflok dik ta' priġunerija għal żmien ħames snin, u multa ta' €12,000 tikkundanna lill-appellant Brian Godfrey Bartolo għal perijodu ta' erba' snin priġunerija u multa ta' tmint elef (€8,000). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Josette Demicoli**